MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

21 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti u fil-ħin bl-eċċezzjoni ta' Dr. H. Caruana li kienet għadha ma waslitx sal-bidu tal-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sindku talab sospensjoni sabiex jitkellem il-Perit Dieter Falzon fuq Sqaq it-Twil PA9798/2019. Il-Perit qal li l-aħjar jiġi ċċekkjat mal-Lands Department jekk it-triq taqax tahthom. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk hemmx xi ħadd involut fuq il-proġett. Il-Perit qal li ġa lura fiż-żmien kien hemm applikazzjoni oħra taħt Planning Control PC 0041/17. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tiftakar żgur hu li kien sar it-tarmak waqt li kien qed isir dak ta' Triq Lord Strickland u j'Alla jekk mhux mill-Kunsill stess. Il-Perit Falzon qal li tarmak u mhux il-kwistjoni tirrivolġi ruhha madwar il-fatt jekk it-triq hix privata jew le.
6.22pm L-Avukata Helen Caruana daħlet f'dan il-mument.
Fir-ritratt dehru wkoll xi reserved u *double yellow lines* li saru bla konsultazzjoni mal-Kunsill. Is-Sur Galea saqsa jekk nistgħux niktbu lil *Transport Malta* fuqhom. Il-Perit Giorgio Schembri qal li jekk ma jigix iċċarat mis-surveys antiki tas-60's jekk jekk l-art hix pubblika jew le hu m'għandux fuq x'hiex joġġezzjona. Ġie deċiż fuq parir mill-Avukat tal-Kunsill, li tintalab informazzjoni mill-Lands u wara wieħed jimxi minn hemm. Min-naħa l-oħra il-Perit ha jieħu ħsieb il-parti teknika mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

8.3.1 *MIP*
Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-MIP rigward il-linja siġar fi Triq l-Għarix. Hu qal li minħabba li t-*tender* tal-Kunsill kienet ġa ħarġet kien ħa jkun hemm *extra cost* u jekk din mhux ħa tingħata lill-Kunsill fuq bażi permanenti l-aħjar jieħdu ħsiebha huma.

8.3.2 ***Karnival għat-Tard 2020***
Is-Sur Cordina qal li se ssir attività tal-Karnival nhar 15 ta' Frar. Din kienet qed issir fuq bażi ta' volontarjat mis-Soċjeta' Mużikali La Stella Levantina, Banda Santa Marija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Fost affarijiet oħra il-Kunsill se jipprovdi żewġ *mobile toilets,* sala fejn isir il-Karnival f'każ ta' xita, l-użu tal-Pjazza u d-dwal tul il-parata u żewġ gwardjani matul il-mixja tal-Banda madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel u se jipparteċipa fl-organiżazzjoni ta' din l-attivita' .

8.3.3 ***Wirja ta' vari***

Is-Sur Cordina qal li bħas-sena ta' qabel Redemptor Mundi kienet se torganiżża wirja ta' vari bejn is-6 u l-11 ta' April u għalhekk kienu qed jitolbu permess biex tintuża l-pjazza f'dawn il-ġranet, jitbaxxa d-dawl u ssir mixegħla ta' 700 xemgħa, jintuża *sound* baxx tal-okkażjoni u jsiru xi *No Parking* signs . Ħadd ma kellu oggeżjoni għat-talbiet.

8.3.4 *San Giljan Water Polo Club*

Is-Sur Cordina ġie avviċinat minn San Giljan Water Polo Club sabiex jiġi provdut trasport u tfal mill-lokalità ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dan l-isport. L-Avukata Caruana qalet li jekk it-talba tkun numeruża jista' t-trasport jiġi ssussidjat għax talba bħal din mhux ta' min jitlifa jekk tfal jistgħu jiġu mrawma għall-quddiem.

8.3.5 ***Sejħa għall-Supervisor u Skrivan/a***

Is-Sur Cordina li Jobs Plus bgħatu l-lista ta' dawk eliġibbli taħt Part 1 u 2 f'daqqa. Kien hemm żmien stipulat fejn dawn setgħu jibgħatu s- CV's. Għaldaqstant hu propona li l-Bord kif ġa spjegat kompost minn l-Avukati Helen Caruana u Silvio Brincat jiltaqa' fit-30 ta' Jannar u fis-6 ta' Frar biex isiru l-*interviews* tas-Supervisor u Skrivan/a rispettivament.

Fakkar lis-Sur Victor Galea fuq l-għorik tal-Pjazza.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 Is-Sur Johnny Bonnici:

- Talab sabiex isir *refreshing* tal-marki tat-toroq Ruzell, Deffun, Kromb u Isfarġel.
- Talab sabiex isiru r-rondi mill-Gwardjani fi Triq il-Qarsajja. Is-Sur Cordina qal li diġà qed isiru għax ġieli rċieva xi telefonati b'ilmenti ħabba li kienu qed jaqilgħu ħafna ċitazzjonijiet.
- Terġa' titwaħħal il-lapida kif kienet mar-residenza fi Triq l-Imdina.

8.4.2 Is-Sur Victor Galea:

- Qal li kien hemm mera fi Triq il-Linja biex min ħiereġ minn Triq is-Sikka jkun jista' jara min ġej u resident partikolari għoġbu jaqlaha u jmexxiha fejn irid hu. Is-Sur Cordina qal li jekk hu hekk il-każ terġa' ssir fejn kienet.
- Talab permess sabiex jgħaddi minn Triq Ħal Qormi. Is-Sur Cordina qal li ħadd minnhom m'għandu permess w'għaldaqstant ma qabilx li għandhom jinħarġu għax ħadd m'għandu jiġi privileġġat iktar minn ħaddieħor.

8.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Talbet biex jinżabru s-sigar ta' ħdejn Roseville. Is-Sur Cordina qal li diġa' saret applikazzjoni biex jinżabru s-siġar t'hemm u fuq iż-żbir ta' kwalunkwe area hemm ħafna restrizzjonijiet.
- Post biex titwaħħal dartboard għad-diżabbli. Is-Sur Cordina qal li jrid ikun post aċċessibbli u kbir u s'issa ma kienx hemm post addattat biex titwaħħal.
- Qalet li attendiet il-kors tal-Green Public Procurement.

8.4.4 L-Avukata Helen Caruana

- Qalet li ha tiċċekkja fuq il-bins
- Staqsiet fuq l-Uffiċċini tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li mexjin u jonqos biss li l-applikazzjoni tgħaddi mill-PA.

8.4.5 Is-Sur Remigio Bartolo

- Ta' rendikont fuq iż-żjara għall-Elancourt
- Qal li qed jipprova li jkun hemm iktar kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Palazz tal-President
- Fakkar fuq id-dawl u l-plakka fi Triq Birkirkara ħdejn l-*Embankment.*

8.12pm Is-Sinjura Connie Scerri ħalliet il-kamra.

8.4.6 Il-Perit Giorgio Schembri

- Talab li ssir laqgħa ma' Infrastructure Malta fuq is-*Central Link*
- Ġibed l-attenzjoni li s-siġar li qed jinqalgħu bħalissa minn Infrasturture Malta iridu ħafna ilma.
- Qal li kien hemm issue fuq siġar immarkati b'marka x imma li ħadu inizjattiva hu u s-Sur Cordina biex ma jiġur allarmati nies minħabba li din il-marka kienet fittizja.
- Qal li kien hemm *issue* ieħor fuq *layby* imma ġaladarba qablu r-residenti ma kienx hemm oġġezjoni
- Għadda imejl mingħand Nikolai Buhagiar, Mindful Warriors rigward kollaborazzjoni mal-Kunsill fuq diversi affarijiet fosthom li jsir *cleanup* f'Ħ'Attard.

8.4.7 L-Avukat Silvio Brincat

- Saqsa fuq mera ta' Triq il-Linja li inċidentalement semma' wkoll is-Sur Victor Galea.
- Talab ukoll sabiex isir iż-żbir ħdejn il-villel fi Triq Sant'Anton, ħdejn Roseville
- Talab biex titranġa l-istess triq imma ħdejn il-kitchen garden. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà miftehmin mal-kuntrattur u x-xogħol ħa jsir mal-ewwel disponibilita' tal-gwardjani lokali.

## 8.5 Approvazzjoni ta' *Performances Bonuses*

8.5.1 Is-Sur Stefan Cordina beda billi spjega a benefiċċju tal-Kunsilliera l-ġodda kif inhi s-sistema tal-*Performance Appraisals.* Qal li l-persentaggi li jingħataw huma 10% fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv u 6% fil-każ tal-istaff jekk wieħed jitkellem fuq il-massimu jew 5% u 3% il-minimu li jrid jingħata bilfors. Hu propona li kulħadd jingħata l-*full.*

Is-Sur Mangion qal li kull meta ġie bżonn xi ħaġa dejjem sab l-għajnuna, għaldaqstant ma jsibx oġġezzjoni. Is-Sinjuri Bartolo u l-Perit Schembri qalu l-istess li huma dejjem sabu għajnuna. L-Avukat Caruana saqsiet xi kemm hi l-ispiża? Is-Sur Cordina qal li l-ispiża hi maħsuba mas-salarji fl-estimi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ispiza hi ta' madwar €7,000. L-Avukat Caruana qalet li la l-ispiża hi maħsuba m'hemmx oġġezzjoni. Kulħadd qabel li l-istaff kollu jingħata l-*full*.

Is-Sur Cordina għalhekk għadda Riżoluzzjoni proposta u ffirmata minnu u s-sekondata mis-Sur Alex Mangion fejn fiha hemm imniżżel li l-istaff kollu għandu jingħata l-massimu tal-

*Performance Bonus* cioe' 10% fil-każ tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-każ tal-impjegati tal-Kunsill. Kulħadd qabel

## 8.6 Rapporti

8.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 8.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

8.7.1 Is-Sindku qal li minħabba li issa wasal iż-żmien li s-Sinjura Sammut tħalli l-Uffiċċju u ġaladarba se jiġu mpjegati żewġ persuni ġodda hemm bżonn li jsir *reshuffling* tal-impjegati preżenti. Għaldaqstant ħarġet *internal memo* biex l-impjegati juru nteress fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv u Assistant Principal liema persuna tal-aħħar trid tieħu d-doveri kollha tas-Sinjura Sammut inklużi dawk ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u DPO. Is-Sinjura Fsadni wriet interess fil-pożizzjoni ta' Assistant Principal u s-Sinjura Borg f'dak ta' Uffiċċjal Eżekuttiv.
Ħadd ma sab oġġezzjoni.

8.7.2 Is-Sur Cordina ressaq għall-approvazzjoni kwotazzjoni mingħand Syntesis sabiex il-Kunsill ikollu Contract's Manager minħabba li l-kuntratt preċedenti kien skada. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni u li x-xoghol jingħata għall-perjodu ta' sena biss. Wara dan il-perjodu tinħareġ *call for Tender.*

## 8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

8.8.1 Approvati wara li saru xi mistoqsijiet fuq items 41, 95, 58 u 59 liema mistoqsijiet ġew imwieġba kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni wkoll li kellu jsir tibdil tal-aħħar fl-istess item mistoqsi minħabba li ċ-ċifra kienet skorretta.

L-Avukat Caruana irringrazzjat ukoll lill-Kunsill tal-ikla tal-Milied u l-għażla tal-post minħabba li kien kollox kif suppost.

## 8.9 Mozzjonijiet; u

8.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 8.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.24pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Frar 2020 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 24 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |